**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
**B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,**
**M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.**

**Rikors numru: 557/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**
**vs**
**Iain Farrugia**

**Illum 16 t'April, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Iain Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0338293M.

Akkuzat talli:

Nhar il-5 ta' Settembru, 2019, ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu waqt li kien gewwa Itiano Flats, Numru 4, Triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera.

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal omm ibnu Roxette Borg KI: 00586698M, u kkagunalha griehi ta' natura hfief, skond kif iccertifika Dr. Gabriel Garcia tac-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kif ukoll fiz-zminijiet ta' qabel f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmula minnu li gew maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bl-imgieba tieghu, ikkaguna lill-imsemmija Roxette Borg il-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-imsemmija Roxette Borg, jew jekk kien ipprovokat, ingurjaha b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

L-Onorabbli Qorti mitluba titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika, ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Roxette Borg KI: 0058698M jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Maltau u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovid ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 6 ta' Settembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja datat 6 ta' Settembru, 2019 immarkat bhala Dok MG1, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok MG2, fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok MG3, okkorrenza datat 5 ta' Settembru, 2019 immarkat bhala Dok MG4, stqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-5 ta' Settembru, 2019 immarkata bhala Dok MG5, certifikat mediku rilaxxjat lil Roxette Borg fil-5 ta' Settembru, 2019 immarkat bhala Dok MG6, referral for domestic violence unit immarkat bhala Dok MG7 u sentenza mmarkata bhala Dok MG1.

Ikkunsidrat:

Roxette Borg iddikjarat li ma xtaqitx tixhed.

L-Ispettur Matthew Galea jghid li nhar il-5 ta' Settembru 2019, Roxette Borg marret tirraporta l-Ghassa tal-Hamrun wara argument gewwa d-dar ta' omm l-ex-partner taghha fejn Ian Farrugia kien insulenta, heddidha, agrediha u kkawzalha griehi. Huwa jkompli jghid li sar risk assessment lil Roxette Borg li rizulta f'riskju gholi u b'hekk kien arrestat Farrugia. L-Ispettur jghid li Farrugia rrilaxxa stqarrija fejn iddikjara li kienet Borg li attakkatu lilu fil-prezenta ta' ommu, u li minn risk assessment li sarlu rrizulta li ma kienx f'riskju reali minn Borg.

Dr Gabriel Gauci kkonferma c-certifikat mediku a fol 18 fejn iccertifika lil Roxette Borg bi griehi ta' natura hafifa; girfa fuq in-naha tal-lemin isfel tal-imnieher u ohra fuq ix-xoffa n-naha tal-lemin isfel.

Lorraine Farrugia, omm l-imputat, iddikjarat li ma xtaqitx tixhed.

Ikkunsidrat:
Illi fis-seduta tas-19 ta' Dicembru 2019, xehedet il-parte civile fejn hija stqarret li ma xtaqietx tixhed fil-konfront tal-imputat minhabba li hija tista' tinkrimina lilha nnifisha minhabba li kienu ghaddejjien proceduri ohra fil-konfront taghha mertu ta' dan il-kaz. Illi fuq dan il-kaz xehed ukoll l-ispettur Matthew Galea fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020 fejn qal li huwa kien interroga lill-imputat u hadlu stqarrija fuq dak li kien gara

fil-5 ta' Settembru 2019. Skont ma kienet irraportat il-parte civile li l-imputat kien insulenta u uza kliem ta' theddid fil-konfront taghha. Minhabba li skont l-istess Ufficjal Prosekutur kien kaz ta' vjolenza domestika, kien intalab sabiex isir Risk Assessment fejn fil-fatt kienu gew social workers mill-Agenzija Appogg u mir-rapport taghhom (li gie esebiet a fol 19 u mmarkat bhala dok MG 7) gie konkluz li kien hemm riskju gholi. Illi minn dak li qallu l-imputat, kien innega li kien ta xi daqqiet jew inkella li uza kliem ta' theddid fil-konfront taghha. Illi d-diskors kien li huwa ma jridx li ibnu jkun fil-prezenza ta' terzi persuni u li jekk kien ikun il-kaz kien jiehu lill-ibnu minn hdejh.

Telghet tixhed ukoll Dr Gabriel Gauci fejn ikkonfermat ic-certifikat mediku mahrug minnha fil-konfront tal-griehi li sofriet il-parte civile. Illi kien gie kkonstatat li l-griehi li l-parte civile kellha kienu ta' natura hafifa. Minn naha l-ohra fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2020, telghet tixhed omm l-imputat li din ghazlet li ma taghtix ix-xiehda taghha fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' Roxette Borg jirrizulta li ma xtaqietx tixhed minhabba li jistghu jittiehdu proceduri fil-konfront taghha minhabba dan il-kaz. Illi f'dan il-kaz il-parte civile ma qalitx li hija riedet twaqqaf il-kaz fil-konfront tal-imputat. Ghal dak li hemm provdut fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika kif ukoll fl-Artikolu 543 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fl-artikolu 543 (e) tal-Kap 9 jghid espressament:

> *"il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
>
> *(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*
>
> *Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta'l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:*
>
> *Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reati msemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna lil-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog ferm car li ghalkemm il-parte civile ghazlet li ma tixhidx dan ma jfissirx li l-proceduri ma jistghux jitkomplew fil-konfront tal-imputat. Illi kif inghad hawn fuq f'kazijiet ta' vjolenza domestika l-Qorti bid-diskrezzjoni taghha tista' tiddeciedi li tkompli tisma' l-kaz anki jekk il-parte civile taghzel li twaqqaf il-kaz. Madankollu, f'dan il-kaz, il-parte civile ghazlet li ma tixhidx u mhux li twaqqa' l-kaz. Illi ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra li tara mill-provi prodotti f'dan il-kaz jistghux iwasslu ghal sejbien ta' htija o meno.

Illi f'dan il-kaz, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tigi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-kaz jistriehu esklussivament fuq dak li qalet il-parte civile lilhom. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u rezi applikabbli fi procedimenti quddiem Qrati ta' Gustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

*598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.*
*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
*(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.*
*599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fil-kawza deciza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Janis Caruana tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imhallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-hearsay evidence kienet giet indirizzata b'dan il-mod : -

*"Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*
*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,"*

Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

*'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

Jekk wieħed jimxi mal-principji ta' dan il-kaz allura f'dan il-kaz dak li qalet il-parte civile setghet tixhdu hi stess f'dawn il-proceduri ghalkemm hija kienet tkelmet ma' ufficjali tal-Pulizija u anki mas-social workers tal-Agenzija Appogg (illi pero hadd minnhom ma tressaq sabiex jixhed f'dawn il-proceduri u jikkonferma r-rapport li sar minnhom tar-Risk Assessment). Dawn il-persuni li tkelmet maghhom il-parte civile jistghu jixhdu li l-allegat vittma tassew qalet hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qalet hekk, izda mhux li dak li qed jghid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella, deciza nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-hearsay evidence, il-Qorti qalet hekk:
*"Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat.*

*Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."*

Illi minn dak li gie kwotat hawn fuq, il-Qorti tara li dak li qal l-istess Spettur huwa fatt li dak li qalet il-parte civile lilhu izda mhux necessarjament li sservi bhala prova ta' dak li fil-fatt gara. Illi l-istess parte civile ghazlet li ma tixhidx fil-konfront tal-imputat u ghalhekk l-aqwa prova ma tresqietx sabiex tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat. Illi anki l-istess rapport tar-Risk Assessment li gie maghmul mill-istess Social Workers tal-Agenzija Appogg jista' jigi meqjus bhala documentary hearsay evidence kemm ghal fatt li hadd minn dawk li ghamlu dan ir-rapport ma tressaq sabiex jixhed fuqhu.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 18, 49, 50, 202 (h)214, 215, 221 (1), 222 (1) (a), 222A, 251B (1) u 339 (1) (e), 382A, 383, 384, 385, 412D, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat Iain Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk qieghda tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**